**Lesson Plan**

Suġġett: MALTI
Sena: 6
Lezzjoni ppreparata minn: Ms Sarah Jane Pulis

Titlu: **Kif jinkisbu l-Aħbarijiet.**

**Class Profile:**

Il-maġġoranza ta' l-istudenti tiegħi jużaw **Preċiżjoni** l-ewwel, wara tiġi s-**Sekwenza.**

Ħadd minnhom ma jevita l-**Preċiżjoni**. Il-**Konfluwenza** għandha l-inqas score. Student wieħed jużaha l-ewwel, waqt li tnejn jevitawha. Il-lezzjoni tirrekjedi prinċipalment : **Preċiżjoni** u **Sekwenza** għoljin, pero' l-logħba u l-cuttings mill-gazzetti u l-vidjo huma indirizzati għal min għandu **Teknika** għolja.

**OBJETTIVI EDUKATTIVI;**

Sa l-aħħar tal-lezzjoni:

1. l-istudenti jiddentifikaw il-proċess li jgħaddi minnu ġurnalist sakemm jasal biex jikteb u jaqra l-aħbarijiet. (Knowledge) (Sekwenza/Preċizjoni)

2. l-istudenti jaslu biex jikklasifikaw ir-raġunijiet li waslu għall-inċident. (Understanding) (Sekwenza/Preċiżjoni)

3. l-istudenti jkunu kapaċI jipproduċu rapport fuq tema. (Skill) (Sekwenza/Preċiżjoni/Teknika/Konfluwenza)

**Tħejjija ta' qabel:**

1. Matul is-sena skolastika, l-istudenti kellhom isegwu l-Aħbarijiet fuq it-televixin bħala parti mill-H.W. tagħhom.
2. Fl-ewwel term skolastiku,ġiet Ms Ruth Amaira fil-klassi tagħna u l-istudenti kellhom l-opportunita' li jagħmlulha intervista u jsaqsuha fuq xogħolha.

**Riżorsi:**

PowerPoint presentation (S/P/T/K)
Vidjo clip ta' l-Aħbarijiet (T)
Ritratti ta' inċidenti (T)
Logħba bil-flashcards (T)
Cuttings minn gazzetti (S)
Kaxxa biex tintuża bħala skrin tat-televixin
l-erbat iħbieb: Ġeru (S); Fina (P); Faru (T) u Żrinġi (K)
il-Power Cards ta' l-istudenti
Word Walls
Worksheets
*(Nota: il-Powerpoint presentation; ritratti ta' inċidenti; worksheets u l-flashcards niżżilthom minn fuq is-sit: http://skola.gov.mt/ictprimary)*

**Metodi:**

**Espozizzjoni**
**Taħriġ fi gruppi**
**Taħriġ individwali**
**Role playing (reċta)**
**Brainstorming**

**Żvilupp:**

**L-Ewwel Pass: vidjo clip ta' l-Aħbarijiet (T/P) Riżors: tape VCR**

- **It-tfal jisimgħu u josservaw (T/P)**
- **Jesperjenzaw xi ħaġa reali (T)**

It-tfal jaraw vidjo clip qasir ta' l-aħbarijiet.
Insaqsi: Tafu x'ġara qabel minn wara l-kwinti sa kemm wasal il-Ġurnalist biex jaqra l-aħbar fuq it-televixin?

Tiftakru x'kienet qaltilna Ms. Ruth Amaira dwar dan il-proċess?

**It-Tieni Pass: PPT presentation (S/P/T) Riżorsi: CD u Laptop u Power Cards**

- **Il-Powerpoint Presentation juri l-proċess pass pass li jgħaddi minnu ġurnalist biex jikseb l-aħbarijiet (S/P/T)**

Uri l-powerpoint presentation: Kif jinkisbu l-A]barijiet.
Wara kull slide, saqsi lil min għandu Sekwenza għolja bħal Ġeru, (it-tfal jaraw fuq il-Power Cards), biex jiddeskrivi u jelabora fuq dak li qed jaraw u jisimgħu.

**It- Tielet Pass: Reċta (K) Riżorsi: microphone Power Cards**

- **Ir-reċta tirrekjedi imaġinazzjoni w improvviżazzjoni (K)**

Ngħajjat ħdejja lil min għandu Konfluwenza għolja, (it-tfal jikkonsultaw il-Power Cards tagħhom), biex joħorġu u jirreċtaw bil-microphone.

a) Ġurnalist u persuna li rat l-inċident
b) Ġurnalist u pulizija

**Ir-Raba' Pass: Logħba:Qabbel (T) Riżorsi: flashcards**
**Poġġi fl-ordni (S) soft toys**
**Kompli (P) Power Cards**
**Whiteboard u Blu tack**

- **Tqabbel stampa ma' kliem (T)**
- **Tpoġġi f'sekwenza (S)**
- **Telabora (P)**

It-tfal jaraw il-Power Cards tagħhom u min għandu Teknika għolja (Faru) joħroġ biex iqabbel stampi ma' kliem.
Iwaħħalhom fuq il-whiteboard.

Wara joħroġ student b' Sekwenza għolja biex ipoġġihom wara xulxin fuq il-whiteboard.
Fl-aħħar min għandu Preċiżjoni għolja, jgħolli idu biex ikompli jespandi s-sentenzi li jinkitbu fuq il-whiteboard.

**Il-Ħames Pass: Xogħol fi gruppi: Saqsi w ikteb Rapport (S/P/T/K)**

**Riżorsi: ritratti, handouts A/B/C, Cuttings ta' gazzetti, Power Cards**

| |
|---|
| **Ritratti jipprovdu provi ta' esperjenza (T)**<br>**Imla l-vojt u solvi (Handout A) - fuq sample ta' gazzetta vera (S/T)**<br>**Saqsi Worksheet (Handout B) - oħroġ dettalji (P)**<br>**Iktab Rapport (Handout C) b'sekwenza u dettalji u oriġinalita' (S/P/K)** |

Kull grupp jingħata: ritratt, handouts A, B, C, cutting ta' gazzetta.

It-tfal jikkonsultaw il-Power Cards tagħhom.

Min għandu Preċiżjoni għolja jieħu handout B – isaqsi mistoqsijiet u joħroġ dettalji.

Min għandu Konfluwenza għolja jirrispondi billi joħroġ bl-ideat u jivvinta.

Min għandu Sekwenza għolja, jikteb b'mod organizzat, ir-rapport f'sekwenza u f'ordni megħjun minn dawk ta' Konfluwenza għolja biex joħorġu b'ideat kreattivi, fuq handout C.

Min għandu Teknika għolja, jimla l-vojt billi jsolvi l-problema ta' quddiemu. Handout A tixbaħ artikli f'gazzetta.

Jien indur mat-tfal u nsaqsi liema Soft Toy għandhom bżonn biex jgħinhom fit-taħriġ tagħhom.

**Għeluq:**

Meta r-rapporti jkunu lesti, wieħed minn kull grupp joħroġ jaqra r-rapport bil-qegħda wara l-kaxxa tat-televixin.

***Follow-up Activity:  H.W.***

**Riżorsi:  handout D** **Whiteboard u markers**

**Metodu:  Web** **Brainstorming (K)**

Fuq il-whiteboard pinġi web bit-titlu : *Ġurnata fil-ħajja tal-ġurnalista s-Sur Bonanno.*

Isir brainstorming(K), hawn sejjaħ lil dawk li għandhom Konfluwenza (Żrinġi) għolja biex joħroġ b'ideat oriġinali.

L-istampi (T) ta' fuq il-handout jgħinu lit-tfal jiżviluppaw it-tema.

Wara d-diskussjoni/brainstorming, (S/P/K),  l-istudenti jkunu kapaċi  jiktbu dwar it-tema li ngħatatilhom.

